MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2011

Numru. 481/2011

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Simon Galea)**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**Vs**

**Redent Galea, ta' 20 sena, bin Susan Galea u missier mhux maghruf, imwieled nhar 28 ta' Frar 1991 gewwa l-Pieta` detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 148691M u joqghod 9, Fl 3, Triq il-Konservatorju, Floriana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Redent Galea li gie akkuzat talli nhar it-03 ta' April 2011 ghall-habta tal-kwarta ta' filghodu (0015am) gewwa Triq il-Hallel, San Pawl il-Bahar attakka jew ghamel resistenza bi

vjolenza jew hebb b'xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC811 S. Pisani, PC951 D. Xerri, PC1356 C. Formosa, PC1035 N. Micallef, PC301 W. Vella u WPC307 Micallef persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita kompetenti u dan ai termini tal-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe fuq il-persuni ta' PC811 S. Pisani, PC951 D. Xerri, PC1356 C. Formosa, PC1035 N. Micallef, PC301 W. Vella u WPC307 waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan ai termini tal-artikolu 95 tal-Kaptolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji u jew theddid bil-fomm lil PC811 S. Pisani, PC951 D. Xerri, PC1356 C. Formosa, PC1035 N. Micallef, PC301 W. Vella u WPC307 ai termini tal-artikolu 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ai termini tal-artikolu 338 dd tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hat ital-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali nadifa tieghu. Jidher illi l-imputat indahal waqt li l-pulizija kienu qed jaqdu dmirhom sabiex jaqbez ghal ommu li kienet qed tigi mitkellma mill-pulizija u fil-fatt wara skuza ruhu ghall-akkadut.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 96, 95, 339(e), 338(dd) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tlett (3) xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------